# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 47

Data tal-laqgħa: 7 ta' Jannar, 2022

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Jannar 2022 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-5.50p.m. billi ntqalet it-talba.

**47/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**47/01/01** Ma kienx hemm.

**47/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħat Numru 44, 45 u 46**

**47/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**47/02/02** **Para 44/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li idealment l-camera għal Ġnien ta' Żagħruna isir meta tasal l-AED.

**47/02/03** **Para 44/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet fakkret lill-kuntrattur fit-tabelli għal mal-*bollards.*

**47/02/04** **Para 44/02/04:** Is- Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-ground ta' Xwieki sal-lum ma smajna xejn.

**47/02/05** **Para 44/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qeda f'kuntatt mal-Lands Authority biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola.

**47/02/06** **Para 44/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qeda f'kuntatt mal-Lands Authority biex nieħdu għelieqi abbandunati li jistgħu jintużaw għall-parkeġġ.

**47/02/07** **Para 44/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Inġinier kellu jikkuntattja lil Planning Authority fuq il-fondi mill-UIF għal Ġnien il-Paċi u l-Ġnien ta' Żagħruna.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**47/02/08** **Para 44/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li fuq il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl, il-Planning Authority talbet konferma li din it-triq taqa' taħt il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur.

**47/02/09** **Para 44/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ma rċivejniex risposta fuq talba lil Lands Authority għall-amministrazzjoni tal-Ferħa Estate.

**47/02/10** **Para 44/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bankina ta' Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero se ssir minn JL Brothers.

**47/02/11** **Para 44/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-residenti ta' Triq il-Mitħna għadhom ma ffirmawx karta li qed jaqblu biex issir *road hump* ħdejn numru 3 fi Triq il-Mitħna.

**47/02/12** **Para 44/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-*Community Garden* ma smajna xejn.

**47/02/13** **Para 44/02/13:** Is-Sindku qalet li qeda f'kuntatt mal-Perit għax skont il-Planning Authority Triq Għaxqet l-Għajn minn *bollard* sa *bollard* ma tistax tiġi bl-*imprint concrete* u talbu *full application*.

**47/02/14** **Para 44/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *bollard* tal-ħadid għal sqaq fi Sqaq Charlotte saret.

**47/02/15** **Para 44/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tal-Cleansing and Maintenance Division qalulha li bħalissa ma għandhomx bankijiet.

**47/02/16** **Para 44/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*motor cycle bay* fi Triq San Ġwann quddiem Horizon Court saret.

**47/02/17** **Para 44/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Sur Mark Azzopardi se jipprovdi l-informazzjoni għal *information panel* dwar is-Superjur Guido Tanti.

**47/02/18** **Para 44/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella sabiex jipparkjaw l-exhaust pipe 'il barra ħdejn il-Każin tal-PN fi Triq il-Wiesgħa għadha ma saritx.

**47/02/19** **Para 44/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-Reġjun Tramuntana dalwaqt se jagħtina Automatic External Defibrillator (AED).

**47/02/20** **Para 44/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ta' Transport Malta għamlu *Communal Reserved Parking Bay* f'Misraħ il-Knisja.

**47/02/21** **Para 44/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fakkret lill-kuntrattur fi tabella għal kull entratura li fiha tiġbor il-ħafna tabelli li hemm fi Ġnien il-Paċi.

**47/02/22** **Para 44/02/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew l-approvazzjoni tal-Enemalta biex issir bozza ġdida fi Sqaq tal-Ferħa.

**47/02/23** **Para 44/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew l-approvazzjoni ta' Transport Malta biex issir *sleeping police* fi Triq Santa Katerina.

**47/02/24** **Para 44/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approvat li jitpoġġew żewġ *bollards* quddiem il-bieb ta' residenza fi Triq Fidiel Zarb.

**47/02/25** **Para 44/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-fuljett tqassam bieb bieb.

**47/02/26** **Para 44/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-sejħa għal *Architectural lighting* dalwaqt toħroġ.

**47/02/27** **Para 44/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet fakkret lil Infrastructure Malta biex sqaq fit-Triq tal-Ferha jsir bil-konkos u li huma talbuna *site plan*.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

47/02/28 **Para 44/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-blata ta' Torri tas-Semaforu nbidlet.

47/02/29 **Para 44/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-injam ġdid biex ngħattu x-xelter għadu mhux lest u li l-unit għar-reception saret.

47/02/30 **Para 44/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*parking bays* f'parti minn Triq Fra D. Mifsud għadhom ma sarux.

47/02/31 **Para 44/02/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew l-approvazzjoni tal-Enemalta biex issir bozza ġdida fi Triq Santa Katerina.

47/02/32 **Para 44/02/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-'Mixja tal-Milied' saret għal ewwel darba fi Ġnien il-Paċi u kienet suċċess. Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li meta nerġgħu nagħmlu l-'Mixja tal-Milied' it-tifla (jew tifel) li tkun ser tagħmel il-prietka timxi bil-bambin f'idejha.

47/02/33 **Para 44/02/36:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġie ffirmat *Service Agreement* ma' The Notebook Centre.

47/02/34 **Para 44/02/40:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għandna nirċievu €2000 mir-Reġjun Tramuntana Christmas Decorations Support Scheme.

47/02/35 **Para 44/02/41:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq it-talba għal *culvert* fi Sqaq Warda għax qed iżomm l-ilma kitbet lid-Dipartiment tad-Distretti.

47/02/36 **Para 44/02/42:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikat ma' Transport Malta għal *sleeping police* fi Triq in-Naxxar.

47/02/37 **Para 44/02/43:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella tal-qtates għal Triq l-Isqof Gargallo għadha ma saritx.

47/02/38 **Para 44/02/45:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta għadha ma approvatx *Keep Clear* quddiem rampa fi Vjal ir-Repubblika.

47/02/39 **Para 44/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li 'Christmas Concert' ma sarx minħabba l-maltemp.

47/02/40 **Para 44/05/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li min-naħa ta' Transport Malta ma oġġezzjonawx biex jiżdied light oħra fit-triq sekondarja fi Triq il-Ġnien. Min talab li jiżdied light oħra fit-triq sekondarja irid jagħmel tajjeb għall-ispejjeż.

47/02/41 **Para 44/05/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat tabelli biex javżaw li jista' jkun hemm *falling rocks* f' Għar San Brinkat.

47/02/42 **Para 44/05/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikat għal Polza tal-Assigurazzjoni ta' Saħħa.

47/02/43 **Para 44/05/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq il-bozza ġdida fi Sqaq ta' Ċint il-Wiesgħa s-Sindku ltaqgħet mal-Ing. Mario Galea u ser jikteb lil Enemalta. Barra minn hekk, is-Segretarju Eżekuttiv ser tiltaqa' mal-Ing. Mario Galea fuq bozza ġdida fi Sqaq il-Qiegħed.

47/02/44 **Para 44/05/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat *cigarette bin* għal ħdejn Cent'Anni bar.

47/02/45 **Para 44/05/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tistenna l-approvazzjoni ta' Transport Malta biex jitneħħa r-*Reserved Parking Bay* fi Triq Żagħruna.

**47/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**47/03/01** Is-Sindku qalet li tixtieq li Kunsill jorganizza dawn l-attivitajiet matul din is-sena: Attività tal-Karnival; It-Tberik tal-Annimali; Unur Excelsior; Jum il-Għargħur; Attività li tfakkar lil Għargħuri Fidele Zarb u Attività tal-Milied, dejjem skont il-miżuri li joħorġu mill-Awtoritajiet tas-saħħa. Il-Kunsill qabel unanimament.

**47/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**47/04/01** Ma kienx hemm.

**47/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**47/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Charlene Cassar rigward ic-*Charging Pillars* madwar il-lokalità.

**47/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Jilly Cachia Camilleri mill-Green Pak rigward *Recycling Points*. Is-sit propost mill-Kunsill Lokali għar-*recycling points* ġie miċħud minħabba li jinsab qrib artijiet agrikoli aċċessati minn toroq dojoq. Għaldaqstant, is-Sur Christopher Fenech ippropona li jiġu f'parti mit-Triq tal-Balal li mhux qed tintuża u s-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li jiġu fi Triq Giovanni Gafa'. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn is-suġġerimenti jgħaddu għand il-Green Pak u l-ERA.

**47/05/03** Ġiet innutata korrispondenza minn resident rigward sewqan eċċessiv fi Triq Għaxqet l-Għajn. Il-Kunsill qabel unanimament li ninfurmaw lill-pulizija.

**47/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 15 ta' Diċembru 2021).

**47/05/05** Ġiet innutata stima mingħand Comfort Stairs, l-ispiża tat-tiswija tas-serratura tal-bieba bil-ħsara tal-platform lift tammonta għal €580. Il-Kunsill qabel unanimament li tiġi approvata.

**47/05/06** Ġiet innutata korrispondenza minn Transport Malta – *Reserved Parking Bay* ta' ħdejn 1, Maria, Triq Vendome jista' jitneħħa.

**47/05/07** Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur iddiskuta u approva l-applikazzjoni tal-Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022.

**47/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 29 ta' Diċembru 2021).

**47/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Janice Azzopardi mill-ERA – fejn l-Awtorità għall-Ambjent u Riżorsi qeda titlobna nipprovdu aġġornament dwar l-installazzjoni tar-*Recycling Points* tal-Għargħur.

**47/05/10** Ġiet innutata korrispondenza minn Dr. John Seychell Navarro, il-Kunsill iddiskuta t-talba tiegħu sabiex l-isem ta' Triq Santa Katerina (direzzjoni Madliena) jinbidel għal Triq Johnny Navarro li kien attur Malti bravissimu u peress illi d-dar tiegħu kienet f'din it-triq. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul u preżentament ma laqax it-talba tiegħu minħabba li storikament fi Triq Santa Katerina (direzzjoni Madliena) kien hemm kappella ddedikata lil qaddisa Santa Katerina. Barra minn hekk, il-Kunsill fi xhur li ġejjin bi ħsiebu jagħmel eżerċizzju ħolistiku fir-rigward tat-tismija tat-toroq tal-Għargħur.

**47/05/11** Fuq it-talba għal *dog bin* ġdid fi sqaq fi Triq l-Indipendenza. Il-Kunsill qabel unanimament.

**47/05/12** Fuq it-talba għal *motor cycle bay* fi Triq il-31 ta' Marzu. Il-Kunsill qabel unanimament.

**47/05/13** Fuq it-talba għal *dog bin* ġdid ħdejn il-Ġnien ta' Żagħruna. Il-Kunsill qabel unanimament.

**47/05/14** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li niedu ż-żewġ kotba sal-aħħar ta' Ġunju. Il-Kunsill qabel unanimament.

**47/05/15** Is-Sa. Marilena Hassan qalet li Sotto Kumitat Qasam Soċjali ser iħejji programm għas-sena 2022.

**47/05/16** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nordnaw *bollard* għal Triq Stiefnu Zerafa. Il-Kunsill qabel unanimament.

**47/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-*Performance Appraisal Reports***

**47/06** Ġie ippreżentat il-Performance Appraisal Report tas-SE u l-Kunsill unanimament approva dan irrapport u unanimament qabel ukoll li jirrakkomanda lid-DLG sabiex is-SE tingħata Performance bonus ta' 10%. Is-SE ser tieħu ħsieb tibgħat il-Performance Appraisal Report lid-DLG. Is-SE ppreparat il-Performance Appraisal Reports ta' Sinjorina Alexia Muscat u Sur George Debono. Hija rrikomandat li l-ħaddiema klerikali jingħataw Performance bonus ta' 6%. Il-Kunsill unanimament approva rrakkomandazzjoni tas-SE.

**47/07** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**47/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**47/08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**47/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:30p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 1 ta' Frar 2022 fil-5:30p.m.

*firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**